# REĠJUN TRAMUNTANA

**112 Triq Ġulju, Buġibba, San Pawl il-Baħar SPB 2617, Malta.**

## Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana miżmuma nhar il-11 ta’ Mejju 2022, Online rigwad it-tender tal-iskart.

---

Il-Laqgħa bdiet fis-sitta u għaxra ta’ filgħaxija.

Preżenti

Membri Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| • Clifford Galea Vella | | President |
| • John Buttigieg | Mellieħa LC | Membru |
| • Alfred Grima | San Pawl il-Baħar LC | Membru |
| • Paul Vella | Mġarr LC | Membru |
| • Kyle Mifsud | Mtarfa LC | Membru |
| • Stephen Gatt | Ħal Balzan LC | Membru delegat |
| • Maria Bonnici | Mosta LC | Membru delegat |
| • Trevor Fenech | San Gwann LC | Membru |
| • Marianne Como | Naxxar LC | Membru delegat |

Is-Segretarju Eżekuttiv – George Abdilla

Preżenti ukoll kien hemm id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Kristina Camilleri, kif ukoll Elisa Frosi u Bjorn Bonello.

Il-President ta’ AKL, is-sur Mario Fava, ingħaqad għal-laqgħa.

| | |
|---|---|
| • Mario Fava | AKL |

Membri Skużati:

| | | |
|---|---|---|
| • Trevor Fenech | San Ġwann LC | Membru |
| • Stefan Cordina | Attard LC | Membru |

Il-membri Trevor Fenech u Stefan Cordina kienu skużati.

Il-Laqgħa nfetħet fis-18:05 mil-President, is-Sur Clifford Galea.

Is-Segretarju Eżekuttiv kien sejjaħ laqgħa sabiex jispjega u jippreżenta l-korrispondenza u estratti mit-tender tal-iskart li ser ikun ippublikat mid-dipartiment tal-kuntratti għan-nom tar-Reġjuni.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li ser juri PowerPoint Presentation u s-Sur Mario Fava ser jispjega l-preżentazzjoni fuq it-tender u x'ser ikun fih it-tender.

Il-President qal li kien infurmat li saru numru ta' konsultazzjonijiet mal-Kunsilli, speċjalment mill-AKL. Alfred Grima, kif ukoll Paul Vella, ikkonfermaw li iva, kien hemm laqgħa u talbiet ta' konsultazzjoni, iżda l-maġġoranza tal-laqgħat imsemmija, kienu laqgħat ta' nformazzjoni mhux konsultazzjoni.

Alfred Grima qajjem il-punt li f'isem il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar, kien bgħat numru ta' punti fir-rigward ta' dan it-tender pero`, qatt ma rċieva risposta jew feedback lura dwar il-konsultazzjoni li pprovda, kif ukoll ġibed l-attenzjoni li l-iskeda ta' ġbir ta' skart Schedule B hija kompletament differenti mill-iskeda li qed issir bħalissa. Is-Sur Grima stqarr ukoll li huwa dritt legali li membri tar-Reġjun għandhom id-dritt jaraw it-tender komplut u mhux preżentazzjoni hekk kif qed jiġi ppreżentat waqt din il-laqgħa.

Is-SE beda l-preżentazzjoni, u spjega numru ta' punti.  Is-Sur Paul Vella ġibed l-attenzjoni li l-punti juru ċar li t-tender għandu kollox diġa` deċiż u m'hemmx fejn il-Kunsilli jirranġaw xejn, u allura ser jiskuża ruħu mil-laqgħa u jkompli fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Imġarr. Meta l-President tal-AKL ingħaqad mal-grupp, kompla l-preżentazzjoni s-Sur Fava.

Il-membri preżenti staqsew numru ta' mistoqsijiet fir-rigward ta' Waste Manager / Contracts Manager, għaliex l-iskeda ser terġa tinbidel, għaliex ġew injorati r-rakkomandazzjonijiet li bagħtu, kif ukoll diskussjoni fuq il-kundizzjonijiet jew jekk jistgħux jinbidlu xi kundizzjonijiet. Is-Sur Mario Fava spjega li hemm numru ta' penali biex jissalvagwardjaw il-Kunsilli.
Meta ppreżenta l-iskeda tal-ġbir proposta, ħareg ċar li din mhux ser tkun adekwata għal-bżonnijiet tal-lokalitajiet u kienet ser tkun pass lura minn dak preżenti. Għalkemm kienu saru numru ta' laqgħat mill-WasteServ u kif ukoll mill-AKL, il-membri esprimew li r-rakkomandazzjonijiet li talbu bħal konsultazzjonijiet ġew injorati.
Il-membri fl-aħħar irringrazzjaw lis-Sur Mario Fava talli spjega u anki semgħa l-punti rigward dan it-Tender u talli infurmahom  bejn wieħed u ieħor estratt mit-tender.



Tel. 21572770,– E-mail regjun-tramuntana.dlg@gov.mt

Il-President Clifford Galea Vella, irringrazzja lill-membri kif ukoll lis-Sur Fava u qal li issa s-sitwazzjoni kienet iktar ċara u għal daqstant ser ikun qed jerġa jikteb hu lill-Ministru.

## Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja w erbgħin minuta ta' filgħaxija.

_________________________ _____________________________

Clifford Galea
President

George Abdilla
Segretarju Eżekuttiv

Approvati llum 15 ta' Ġunju 2022